MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 1879/2000/1

**Silvana mart Alfred Zammit**

**vs**

**Antoinette mart Paul Meilak**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni datata l-15 ta’ Settembru, 2000, li pemezz taghha l-attrici sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi l-kontendenti fuq indikati huma ahwa, ulied il-mejtin John u Filippa, konjugi Farrugia;

1.2 Illi l-imsemmi John miet fit-3 ta’ Novembru, 1983, filwaqt li l-imsemmija Filippa mietet fil-5 ta’ Novembru, 1986, (ara foll 5 u foll 6 rispettivament);

1.3 Illi l-imsemmi John irrediga testament *unica charta in atti* tan-nutar Dottor Joseph Henry Saydon, u hu datat l-20 ta’ Jannar, 1982, (ara Dok ‘3’);

1.4 Illi permezz tal-fuq indikat testament il-kontendenti gew moghtija legati u kienu wkoll nominati eredi universali tal-gid kollu ta’ missierhom, u dan, fi kwoti indaqs, bis-sostituzzjoni vulgari, u bid-dritt tal-akkrexximent:

1.5 Illi d-denunzja tas-successjoni tal-imsemmi John Farrugia kienet prezentata u konfermata bil-gurament, (ara Dok ‘4’);

1.6 Illi l-istess denunzja indikata fil-paragrafu precedenti kellha t-taxxa fuqha dovuta imhallsa regolarment;

1.7 Illi l-wirt tal-imsemmi John Farrugia, nonstante l-perjodu ta’ zmien li gia` ghadda, ghadu mhux deciz;

1.8 Illi ghalkemm l-attrici ghamlet diversi tentattivi biex tasal ghall-awspikata divizjoni, jirrizulta li l-konvenuta wriet li ma tridx tasal ghal dan;

1.9 Illi nonostante li l-konvenuta kienet ukoll regolarment interpellata biex teffetwa tali divizjoni, din xorta irrifjutat u ghalhekk l-attrici ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tintavola l-procedura odjerna;

1.10 Illi ghaldaqstant l-attrici aderiet din il-qorti biex il-konvenuta jkollha l-opportunita` twiegeb u tghid ghaliex din il-qorti m’ghandiex:

1.10.1. Tillikwida l-wirt ta’ l-imsemmi John Farrugia flimkien mas-sustanzi derivanti u provenjenti mill-istess wirt;

1.10.2. Tassenja l-legati skont id-disposizzjonijiet tat-testment fuq riferit ta’ John Farrugia;

1.10.3. Tiddividi l-bqija tal-wirt minnu derivanti f’zewg porzjonijiet ugwali u tassenja lill-attrici u lill-konvenuta porzjon kull wiehed;

1.10.4. Tinnomina Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att tal-qasma fil-jum, hin, u lok, stabbilit mill-qorti, flimkien ma kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

1.10.5. Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-konvenuta;

2.0 Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata s-27 t’Ottubru, 2000, li permezz taghha l-konvenuta eccepiet sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi mhux minnu li b’xi mod ostakolat il-qasma tal-wirt in dizamina;

2.2. Illi in effetti l-konvenuta trid li din il-qasma ssir, basta skont it-testment tal-20 ta’ Jannar, 1982, fuq gia` riferit, (ara paragrafu numru wiehed put tlieta, (1.3.), aktar qabel;

2.3. Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat il-verbal tal-qorti diversament preseduta datat it-23 ta' Novembru, 2000, li permezz tieghu kien ordnat mill-istess li l-kawza odjerna tigi trattat flimkien mal-kawza numru 1961/00, (ara foll 30);

4. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu il-kawza kienet assenjata lill-istess qorti izda diversament preseduta, (ara foll 34);

5. Rat il-verbal tal-kontendenti datat il-11 ta' Gunju, 2003, li permezz tieghu iddikjaraw li kienu qed jaqblu li mhemmx kwistjoni dwar il-kwoti rispettivi taghhom rigwardanti l-wirt ta' missierhom John Farrugia, senjatament li ghandhom nofs indiviz kull wiehed mill-istess, (ara foll 57);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-23 ta' Frar, 2005, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet, (ara foll 163);

7. Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-attrici datata l-1 ta' Novembru, 2005, (ara foll 180);

8. Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta datata t-3 ta' Frar, 2006, (ara foll 187);

9. Rat il-verbal taghha diversament preseduta datat il-21 ta' Frar, 2006, li permezz tieghu il-kawza kienet differita ghat-trattazzjoni finali, ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 198);

10. Rat il-verbal taghha datat it-3 ta' Mejju, 2006, biex il-kontendenti issa jinfurmawha jekk kellhomx bzonn ta' perit tekniku biex jghidilhom kif trid issir il-qasma, (ara foll 199);

11.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-27 ta' Gunju, 2006, li permezz tieghu hatret perit tekniku u perit legali biex jassisstieh hemm indikati biex dawn:

11.1. Jeffettwaw stima tal-oggetti involuti;

11.2. Jaghmlu divizjoni tal-istess oggetti;

12. Rat ir-relazzjoni peritali datata t-18 ta' Novembru, 2010,ipprezentata in atti fit-12 ta' Jannar, 2011, (ara foll 305 *et sequitur*);

13.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat iz-17 ta' Marzu, 2011 (ara foll 380) li permezz tieghu:

13.1. Laqghet it-talba tal-konvenuta tal-24 ta' Frar, 2011, (ara foll 383) biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni taz-zewg (2) proprjetajiet immobbiljari u tal-flus fil-bank inkluzi mill-attrici fil-lista tal-konvenuta immarkata Dok 'SZ1';

13.2. Illi regghet innominat lill-espert tekniku precedentement nominat biex jeffettwa stima ta' l-oggetti elenkati, bl-eskluzjoni ta' dawk li l-partijiet jaqblu dwarhom;

13.3. Illi astjeniet mid-decizjoni rigward ir-raba` u l-hames talba hemm elenkati;

14. Rat ir-rapport sussegwenti tal-perit tekniju involut mahluf minnu fl-udjenza tal-14 ta' Gunju, 2012, (ara foll 414);

15. Rat in-nota datata l-10 ta' Jannar, 2013, u permezz taghha l-kawza odjerna giet assenjata biex tinstema` minn din il-qorti kif preseduta, (ara foll 462);

16. Rat il-mistoqsijiet tal-attrici in eskussjoni tal-perit tekniku datati l-4 t'April, 2013, (ara foll 466);

17. Rat ir-risposti tal-istess perit tekniku ghall-istess mistoqsijiet indikati fil-paragrafu precedenti datati t-13 ta' Mejju, 2013, (ara foll 469);

18. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Gunju, 2013, li fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tal-attrici awtorizzat lill-kontendenti jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 472), u kif sussegwentement varjata permezz tad-digriet taghha datat l-20 ta' Novembru, 2013, (ara foll 473);

19. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici datata l-20 ta' Jannar, 2014, (ara foll 474);

20. Rat in-nota tal-konvenuta datat l-20 ta' Marzu, 2014, (ara foll 482);

21.0. Rat il-verbal tal-kontendenti datat it-23 t'April, 2014, li permezz tieghu, (ara foll 490):

21.1. Il-konvenuta awtorizzat il-kontinwazzjoni tal-kawza ghalkemm mhix assistita minn avukat;

21.2. Illi z-zewg kontendenti ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti gia` minnhom ipprezentati;

22. Ezaminat id-dokumentazzjoni kollha esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati; dokumenti u ritratti;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi minn ezami tal-istess jirrizulta sintetikament is-segwenti:

23.1. Illi wara l-mewt tal-genituri tal-kontendenti, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel), il-kontendenti – ahwa – naqsu jilhqu ftehim bonarju biex jimxu fuq il-bazi tat-testment ta’ missierhom datat l-20 ta’ Jannar, 1982, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel);

23.2. Illi a bazi tal-istess testament il-kontendenti inghataw xi legati u kienu nominati eredi universali tal-gid kollu ta’ missierhom fi kwoti indaqs;

23.3. Illi ghalhekk kull ma kellhom jaghmlu dawn il-kontendenti hu li jaqsmu il-gid lilhom imholli b’mod gust;

23.4. Illi minflok ghazlu li jikkontendu l-irqaqat u jispiccaw biex, s’issa jqattghu erbghatax (14) -il sena f’kontestazzjoni gudizzjarja zgur ferm dispendjuza kemm finanzjarjament kif ukoll emozjonalment;

23.5. Illi d-dokument immarkat Dok 'SZ1', (ara foll 38), juri l-assi parafenali ta' missier il-kontendenti;

23.6. Illi oggetti, deheb u ghamara indikata fl-istess Dok. 'SZ1' kienu jinsabu fil-fond "Jophyl House", Vjal il-Helsien, Haz-Zebbug;

23.7. Illi l-konvenuta ssostni li tlett kwarti (3/4) tal-oggetti elenkati fid-Dok. 'SZ1' ghadhom fil-fond indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 71);

23.8. Illi l-konvenuta ssostni wkoll li kienet ilha ma tidhol fl-imsemmija dar tal-genituri taghha madwar erbgha (4) snin, (ara foll 66);

23.9. Illi fuq parir tal-konsulent legali taghha l-konvenuta hadet madwar tlett kwarti (3/4) tal-oggetti li kien hemm fl-imsemmija residenza, (ara foll 71);

23.10. Illi ghar-rigward tad-deheb meritu tal-kontestazzjoni odjerna, l-konvenuta ssostni li wara li l-mama` taghha marret tghix maghha qaltilha biex tiehu d-deheb kollu, (ara foll 313);

23.11. Illi l-kontendenti jaqblu l-wirt ta' missierhom jinqasam ugwalment bejniethom, (ara foll 57);

23.12. Illi rigward il-gid parafenali tad-*decuis* John Farrugia, il-konvenuta u l-attrici t-tnejn jaqblu fir-rigward, u dan kemm ghad-deheb kif ukoll ghall-ghamara involuta, (ara foll 319);

23.13. Illi l-konvenuta ssostni li l-attrici ma tistax titlob li jinqasmu oggetti li hi naqset li tiddikjara fid-denunzja tal-wirt ta' missierhom, (ara foll 319);

23.14. Illi l-perit legali involut isostni s-segwenti fir-rigward: (ara foll 320);

23.14.1. Illi legalment, ghar-ragunijiet minnu esposti fir-relazzjoni tieghu, il-konvenuta ghandha ragun, (ara foll 320);

23.14.2. Illi konsegwentement, ghar-ragunijiet minnu hemm indikati li din il-qorti qed taghmel taghha, l-oggetti parafenali tal-istess *descuis* fuq riferit ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-kontendenti, (ara foll 321);

23.15. Illi rigward iz-zewg (2) proprjetajiet immobbli, senjatament il-fond 57, *"Loo House"*, Triq Lazzaro Pisani, Haz-Zebbug, u l-fond 56, *"Pepita"*, Triq Lazzaro Pisani, Haz-Zebbug, u l-flus fil-bank inkluzi fil-lista immarkata Dok. 'SZ1', din il-qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom stante id-digriet fuq riferit fir-rigward datat iz-17 ta' Marzu, 2011, (ara foll 380);

23.16. Illi mill-bqija tilqa` l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-perit legali involut, anke wara l-eskussjoni tal-perit tekniku involut, u taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-perit legali *de quo*, (ara foll 324);

**DECIDE:**

24.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti taghmel pjena referenza ghar-relazzjonijiet kemm legali kif ukoll teknici in atti, u konsegwentement:

24.1. Tillikwida l-wirt tad-*decuis* John Farrugia flimkien mas-sustanzi derivanti u provenjenti mill-istess wirt, fid-dawl tal-paragrafu 42 tar-relazzjoni *de quo*, (ara foll 323);

24.1.1. Kwantu ghal hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%), favur l-attrici Silvana mart Alfred Zammit;

24.1.2. Kwantu ghar-rimanenti hamsa u sebghin fil-mija, (75%), favur il-konvenuta Antoinette mart Paul Meilak;

24.1.3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, (2), talba;

24.1.4. Tiddividi l-wirt in dizamina kif elenkat mill-perit tekniku involut billi:

24.1.4.i. Hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%), jmorru ghand l-attrici; u

24.1.4.ii. Hamsa u sebghin fil-mija, (75%), jmorru ghand il-konvenuta;

24.1.4.iii. Illi l-istess affarijiet ghandhom jinqasmu f'zewg (2) partijiet u assenjati bix-xorti skont il-ligi;

24.1.4.iv. Tinnomina lin-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon biex jippubblika l-att tal-qasma bil-mod fuq indikat sa mhux aktar tard minn tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza;

24.1.4.v. Tinnomina Kuratur Deputat li jkun imissu skont it-turn biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci;

24.1.4.vi. Bl-ispejjez ta' din il-procedura jinqasmu fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin fil-mija, (25%), ghall-attrici, u hamsa u sebghin fil-mija, (75%), ghall-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------